2025/361

18.2.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/361

tas-17 ta' Frar 2025

li jemenda l-Annessi V, XIV u XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Bożnija-Ħerzegovina, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa, u tal-prodotti tal-laħam tal-pollam

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew minn żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew minn żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom sabiex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-konsenji tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V, XIV u XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni rispettivament ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, tal-laħam frisk tal-pollam u tal-prodotti tal-laħam tal-pollam.

(5) Fil-11 ta' Frar 2025, il-Bożnija-Ħerzegovina nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI, highly pathogenic avian influenza). Dik it-tifqigħa tinsab fil-muniċipalità ta' Rogatica fir-Repubblika Srpska fil-Bożnija-Ħerzegovina u ġiet ikkonfermata fl-10 ta' Frar 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(6) Il-listi ta' pajjiżi terzi, territorji, jew żoni tagħhom stabbiliti fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XIV u fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jispeċifikaw li d-dħul fl-Unjoni mill-Bożnija-Ħerzegovina ta' konsenji ta' laħam frisk tal-pollam u ta' prodotti tal-laħam tal-pollam huma awtorizzati. Barra minn hekk, it-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament (UE) 2021/404 bħalissa tispeċifika li ma huwa meħtieġ l-ebda trattament għall-mitigazzjoni tar-riskju fir-rigward tal-prodotti tal-laħam tal-pollam għad-dħul fl-Unjoni mill-Bożnija-Ħerzegovina.

(7) Minħabba r-riskju tal-introduzzjoni tal-HPAI fl-Unjoni, marbut mad-dħul ta' konsenji tal-laħam frisk tal-pollam u tal-prodotti tal-laħam tal-pollam mill-Bożnija-Ħerzegovina li ma jkunux għaddew minn trattament għall-mitigazzjoni tar-riskju, jeħtieġ jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, u fin-nuqqas ta' garanziji li jippermettu r-reġjonalizzazzjoni ta' dak il-pajjiż terz, jenħtieġ li d-dħul fl-Unjoni tal-konsenji ta' laħam frisk tal-pollam mill-Bożnija-Ħerzegovina ma jibqax awtorizzat u jenħtieġ li jkun meħtieġ it-trattament għall-mitigazzjoni tar-riskju D, f'konformità mal-Anness XXVI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, għad-dħul fl-Unjoni tal-konsenji ta' prodotti tal-laħam tal-pollam minn dak il-pajjiż terz.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li l-entrati għall-Bożnija-Ħerzegovina fil-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom stabbiliti fit-tabella fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XIV u fit-tabella fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali f'dak il-pajjiż terz.

(9) Barra minn hekk, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar erba' tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-kontej ta' Cornwall, Merseyside u Yorkshire, l-Ingilterra, li ġew ikkonfermati bejn is-7 ta' Frar 2025 u d-9 ta' Frar 2025, rispettivament, permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(10) Barra minn hekk, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar 35 tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' California (3), Maryland (1), Missouri (6), North Carolina (2) u Ohio (23), li ġew ikkonfermati bejn is-27 ta' Jannar 2025 u l-5 ta' Frar 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(11) Wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti, l-awtoritajiet veterinarji ta' dawk il-pajjiżi terzi stabbilew żoni ristretti ta' mill-inqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(12) Ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u l-miżuri meħuda biex jiġi evitat aktar tixrid tal-HPAI wara t-tifqigħat riċenti tal-HPAI.

(13) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, kif ukoll tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat reċenti jenħtieġ li jiġi sospiż sabiex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(14) Barra minn hekk, ir-Renju Unit pprovda informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tiegħu fir-rigward tal-HPAI li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(15) Fl-10 ta' Frar 2025 u fit-13 ta' Frar 2025, ir-Renju Unit ippreżenta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħa b'rabta ma' tliet tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-kontea ta' Yorkshire, l-Ingilterra, u tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fil-kontea ta' Angus, l-Iskozja, li ġew ikkonfermati bejn l-10 ta' Diċembru 2024 u l-10 ta' Jannar 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(16) Ir-Renju Unit informa lill-Kummissjoni li wara dawk it-tifqigħat tal-HPAI, implimenta politika ta' qerda biex jikkontrolla u jillimita t-tixrid ta' dik il-marda, kif ukoll lesta t-tindif u d-diżinfezzjoni meħtieġa wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettat.

(17) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni ppreżentata mir-Renju Unit, u jidhrilha li dan ipprovda garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji ta' ċerti prodotti fl-Unjoni miż-żoni kkonċernati, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex ta' theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni kkonċernati tar-Renju Unit, li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.

(18) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex jitqiesu t-tifqigħat il-ġodda tal-HPAI fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti, u t-tifqigħat riżolti tal-HPAI fir-Renju Unit.

(19) Filwaqt li jitqiesu t-tifqigħat tal-HPAI fil-Bożnija-Ħerzegovina, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mar-Renju Unit, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi V, XIV u XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'mod urġenti.

(20) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V, XIV u XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.334 hija sostitwita b'dan li ġej:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.334	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		10.12.2024	6.2.2025"

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żoni GB-2.341 u GB-2.342 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.341	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		28.12.2024	6.2.2025
	GB-2.342		N, P1		10.1.2025	12.2.2025"

(iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.348 hija sostitwita b'dan li ġej:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.348	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		31.12.2024	6.2.2025"

(iv) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.355 sa GB-2.358 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.354:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.355	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		7.2.2025	
	GB-2.356		N, P1		8.2.2025	
	GB-2.357		N, P1		9.2.2025	
	GB-2.358		N, P1		9.2.2025"	

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.880, sa US-2.914 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona US-2.879:

"US L-Istati Uniti	US-2.880	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		29.1.2025	
	US-2.881		N, P1		29.1.2025	
	US-2.882		N, P1		30.1.2025	
	US-2.883		N, P1		30.1.2025	
	US-2.884		N, P1		30.1.2025	
	US-2.885		N, P1		30.1.2025	

	US-2.886		N, P1		30.1.2025	
	US-2.887		N, P1		31.1.2025	
	US-2.888		N, P1		31.1.2025	
	US-2.889		N, P1		29.1.2025	
	US-2.890		N, P1		29.1.2025	
	US-2.891		N, P1		30.1.2025	
	US-2.892		N, P1		31.1.2025	
	US-2.893		N, P1		30.1.2025	
	US-2.894		N, P1		5.2.2025	
	US-2.895		N, P1		4.2.2025	
	US-2.896		N, P1		4.2.2025	
	US-2.897		N, P1		4.2.2025	
	US-2.898		N, P1		4.2.2025	
	US-2.899		N, P1		4.2.2025	
	US-2.900		N, P1		4.2.2025	
	US-2.901		N, P1		5.2.2025	
	US-2.902		N, P1		5.2.2025	
	US-2.903		N, P1		27.1.2025	
	US-2.904		N, P1		28.1.2025	
	US-2.905		N, P1		28.1.2025	
	US-2.906		N, P1		29.1.2025	
	US-2.907		N, P1		28.1.2025	
	US-2.908		N, P1		30.1.2025	
	US-2.909		N, P1		31.1.2025	
	US-2.910		N, P1		31.1.2025	
	US-2.911		N, P1		4.2.2025	
	US-2.912		N, P1		29.1.2025	
	US-2.913		N, P1		5.2.2025	
	US-2.914		N, P1		3.2.2025”	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni GB-2.355 sa GB-2.358 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.354:

“Ir-Renju Unit	GB-2.355	near Pocklington, East Riding of Yorkshire, Yorkshire, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N53.91 and Long: W0.74
	GB-2.356	near Market Weighton, East Riding of Yorkshire, Yorkshire, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N53.86 and Long: W0.71

	GB-2.357	near Bromborough, Wirral, Merseyside, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N53.30 and Long: W3.00
	GB-2.358	near Bodmin, North Cornwall, Cornwall, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N50.46 and Long: W4.75’

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.880 sa US-2.914 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.879:

“L-Istati Uniti	US-2.880	State of Ohio Mercer 15 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.6051527°W 40.6852510°N)
	US-2.881	State of Ohio Mercer 16 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7296268°W 40.4797494°N)
	US-2.882	State of Ohio Mercer 17 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.5845696°W 40.4817216°N)
	US-2.883	State of Ohio Mercer 18 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.6806195°W 40.4998531°N)
	US-2.884	State of Ohio Mercer 19 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7221709°W 40.5099680°N)
	US-2.885	State of Ohio Mercer 20 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7315517°W 40.5158391°N)
	US-2.886	State of Ohio Mercer 21 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7661219°W 40.4892437°N)
	US-2.887	State of Ohio Mercer 22 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.5322998°W 40.5397243°N)
	US-2.888	State of Ohio Mercer 23 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.4470932°W 40.5248739°N)

	US-2.889	State of Ohio Darke 17 Darke County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7711984°W 40.4414950°N)
	US-2.890	State of Ohio Darke 18 Darke County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.4328628°W 40.3021656°N)
	US-2.891	State of Ohio Darke 19 Darke County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.6791308°W 40.4371839°N
	US-2.892	State of Ohio Darke 20 Darke County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.5493817°W 40.3999086°N)
	US-2.893	State of Ohio Van Wert 01 Van Wert County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.3974324°W 40.7859037°N)
	US-2.894	State of Ohio Auglaize 01 Auglaize County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.3517553°W 40.5480217°N)
	US-2.895	State of Ohio Darke 21 Darke County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.4954787°W 40.4169816°N)
	US-2.896	State of Ohio Mercer 24 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7083466°W 40.4933466°N)
	US-2.897	State of Ohio Mercer 25 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.5458624°W 40.5157963°N)
	US-2.898	State of Ohio Mercer 26 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.5448141°W 40.5015764°N)
	US-2.899	State of Ohio Mercer 27 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.5525364°W 40.4904476°N)

	US-2.900	State of Ohio Mercer 28 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7504140°W 40.4778520°N)
	US-2.901	State of Ohio Mercer 29 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7128755°W 40.4785074°N)
	US-2.902	State of Ohio Mercer 30 Mercer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.4413554°W 40.5267332°N)
	US-2.903	State of North Carolina Sampson 01 Sampson County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 78.2595262°W 34.9068126°N)
	US-2.904	State of North Carolina Sampson 02 Sampson County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 78.2620293°W 34.8709636°N)
	US-2.905	State of Missouri Newton 06 Newton County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.2147245°W 36.9611223°N)
	US-2.906	State of Missouri Newton 07 Newton County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.3019992°W 37.0698923°N)
	US-2.907	State of Missouri McDonald 02 McDonald County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.2749341°W 36.7828461°N)
	US-2.908	State of Missouri McDonald 03 McDonald County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.2749341°W 36.7828461°N)
	US-2.909	State of Missouri McDonald 04 McDonald County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.1978683°W 36.8089543°N)
	US-2.910	State of Missouri Barry 01 Barry County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.0381081°W 36.9075395°N)

	US-2.911	State of Maryland Worcester 01 Worcester County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 75.2919758°W 38.3941884°N)
	US-2.912	State of California Merced 23 Merced County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 121.0252478°W 37.2346789°N)
	US-2.913	State of California Stanislaus 18 Stanislaus County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 120.7741459°W 37.6818391°N)
	US-2.914	State of California San Joaquin 08 San Joaquin County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 121.1351664°W 38.3214235°N)”

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għall-Bożnija-Ħerzegovina hija sostitwita b’dan li ġej:

“BA Il-Bożnija-Ħerzegovina	BA-0	POU			10.2.2025”	

(b) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żona GB-2.334 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“GB Ir-Renju Unit	GB-2.334	POU, RAT	N, P1		10.12.2024	6.2.2025
		GBM	P1		10.12.2024	6.2.2025”

(c) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żoni GB-2.341 u GB-2.342 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“GB Ir-Renju Unit	GB-2.341	POU, RAT	N, P1		28.12.2024	6.2.2025
		GBM	P1		28.12.2024	6.2.2025
	GB-2.342	POU, RAT	N, P1		10.1.2025	12.2.2025
		GBM	P1		10.1.2025	12.2.2025”

(d) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żona GB-2.348 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“GB Ir-Renju Unit	GB-2.348	POU, RAT	N, P1		31.12.2024	6.2.2025
		GBM	P1		31.12.2024	6.2.2025”

(e) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żona GB-2.355 sa GB-2.358 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.354:

“GB Ir-Renju Unit	GB-2.355	POU, RAT	N, P1		7.2.2025	
		GBM	P1		7.2.2025	
	GB-2.356	POU, RAT	N, P1		8.2.2025	
		GBM	P1		8.2.2025	
	GB-2.357	POU, RAT	N, P1		9.2.2025	
		GBM	P1		9.2.2025	
	GB-2.358	POU, RAT	N, P1		9.2.2025	
		GBM	P1		9.2.2025”	

(f) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.880 sa US-2.914 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.879:

“US L-Istati Uniti	US-2.880	POU, RAT	N, P1		29.1.2025	
		GBM	P1		29.1.2025	
	US-2.881	POU, RAT	N, P1		29.1.2025	
		GBM	P1		29.1.2025	
	US-2.882	POU, RAT	N, P1		30.1.2025	
		GBM	P1		30.1.2025	
	US-2.883	POU, RAT	N, P1		30.1.2025	
		GBM	P1		30.1.2025	
	US-2.884	POU, RAT	N, P1		30.1.2025	
		GBM	P1		30.1.2025	
	US-2.885	POU, RAT	N, P1		30.1.2025	
		GBM	P1		30.1.2025	
	US-2.886	POU, RAT	N, P1		30.1.2025	
		GBM	P1		30.1.2025	
	US-2.887	POU, RAT	N, P1		31.1.2025	
		GBM	P1		31.1.2025	
	US-2.888	POU, RAT	N, P1		31.1.2025	
		GBM	P1		31.1.2025	
	US-2.889	POU, RAT	N, P1		29.1.2025	
		GBM	P1		29.1.2025	
	US-2.890	POU, RAT	N, P1		29.1.2025	
		GBM	P1		29.1.2025	
	US-2.891	POU, RAT	N, P1		30.1.2025	
		GBM	P1		30.1.2025	
	US-2.892	POU, RAT	N, P1		31.1.2025	
		GBM	P1		31.1.2025	
	US-2.893	POU, RAT	N, P1		30.1.2025	
		GBM	P1		30.1.2025	
	US-2.894	POU, RAT	N, P1		5.2.2025	
		GBM	P1		5.2.2025	

	US-2.895	POU, RAT	N, P1		4.2.2025	
		GBM	P1		4.2.2025	
	US-2.896	POU, RAT	N, P1		4.2.2025	
		GBM	P1		4.2.2025	
	US-2.897	POU, RAT	N, P1		4.2.2025	
		GBM	P1		4.2.2025	
	US-2.898	POU, RAT	N, P1		4.2.2025	
		GBM	P1		4.2.2025	
	US-2.899	POU, RAT	N, P1		4.2.2025	
		GBM	P1		4.2.2025	
	US-2.900	POU, RAT	N, P1		4.2.2025	
		GBM	P1		4.2.2025	
	US-2.901	POU, RAT	N, P1		5.2.2025	
		GBM	P1		5.2.2025	
	US-2.902	POU, RAT	N, P1		5.2.2025	
		GBM	P1		5.2.2025	
	US-2.903	POU, RAT	N, P1		27.1.2025	
		GBM	P1		27.1.2025	
	US-2.904	POU, RAT	N, P1		28.1.2025	
		GBM	P1		28.1.2025	
	US-2.905	POU, RAT	N, P1		28.1.2025	
		GBM	P1		28.1.2025	
	US-2.906	POU, RAT	N, P1		29.1.2025	
		GBM	P1		29.1.2025	
	US-2.907	POU, RAT	N, P1		28.1.2025	
		GBM	P1		28.1.2025	
	US-2.908	POU, RAT	N, P1		30.1.2025	
		GBM	P1		30.1.2025	
	US-2.909	POU, RAT	N, P1		31.1.2025	
		GBM	P1		31.1.2025	
	US-2.910	POU, RAT	N, P1		31.1.2025	
		GBM	P1		31.1.2025	
	US-2.911	POU, RAT	N, P1		4.2.2025	
		GBM	P1		4.2.2025	
	US-2.912	POU, RAT	N, P1		29.1.2025	
		GBM	P1		29.1.2025	
	US-2.913	POU, RAT	N, P1		5.2.2025	
		GBM	P1		5.2.2025	
	US-2.914	POU, RAT	N, P1		3.2.2025	
		GBM	P1		3.2.2025”	

(3) Fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness XV, l-entrata għall-Bożnija-Ħerzegovina hija sostitwita b'dan li ġej:

"BA Il-Bożnija-Ħerzegovina	BA-0	Mhux awtoriz-zati	Mhux awtoriz-zati	Mhux awtoriz-zati	Mhux awtoriz-zati	Mhux awtoriz-zati	Mhux awtoriz-zati	Mhux awtoriz-zati	D	Mhux awtoriz-zati	Mhux awtoriz-zati	**MPST"**	